MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-18 ta' Lulju, 2014

Rikors Numru. 448/2014

**Fl-atti tal-Mandat ta' Qbid Numru 5708/96 CX fl-ismijiet:**

**Miriam Debono**

**-VS-**

**Carmel Debono**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Lourdes Magro tal-21 ta' Mejju, 2014 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti hija proprjetarja ta vettura tat-tip Vauxhall Nova Saloon bin-numru ta' registrazzjoni CAQ 815 gia F 6547 , u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-log book hawn annessa u mmarkat Dok A*

*Illi recentement hija htigilha li tbiegh u titrasferixxi l-vettura taghha sovra ndikata izda meta marret sabiex taffetwa t-transfer relattiv giet informata illi hija ma setghetx taghmel dan*

*stante illi kif jirrizulta mill-istess Dok A, il-vettura proprjeta taghha kienet is-suggett ta' mandat ta qbid.*

*Illi minn ricerka li effetwat l-esponenti rrizulta li certa Miriam Debono, permezz tar-rikors numru 5708/96 Cx kienet talbet sabiex jinhareg mandat ta qbid kontra certu Carmel Debono fuq il-vettura tat-tip Renault Clio numru ta registrazzjoru F 6547 u dan kif jirrizulta mill-kopja tal-mandat hawn anness u markata Dok B.*

*Illi jigi osservat illi hemm dubbju ragionevoli kemm l-ahhar digit indikat huwa n-numru sebgha (7) u wisq probabbli huwa aktar zero (0) u di pui l-vettura li kienet fil-mira tal-mandat kellha tkun tal-marka Renault Clio u mhux Vauxhaul Nova.*

*Illi wkoll, l-esponenti qatt ma kienet parti f dawn il-proceduri u qatt ma kellha xi proceduri kontra taghha sabiex hija taghmel tajjeb ghal xi manteniment.*

*Illi jsegwi li l-mandat esegwit fuq il-vettura tal- esponenti huwa l-konsegwenza ta zball.*

*Illi dan il-mandat, fil-konfront ta l-esponenti, qieghed jikkagunalha pregudizzju u Danni li huma ngenti.*

*Ghaldaqstant, l-esponenti, filwaqt li jgibu l-fuq espost a formali konjizzjoni ta din 1-Onorabbli Qorti, jitolbuha bir-rispett sabiex (a) in vista tal-provi esposti tiddikjara illi l-esponenti hija estranea ghal kull litigazzjoni in segwitu ghal proceduri "Miriam Debono Vs Carmel Debono" sopra citati (b) ai termini ta l-artikolu 836(1)(f) tal-Kap 12 tirrevoka u thassar contrario imperio dik il-parti tad-digriet ta l-25 ta' Novembru 1996 li permezz taghha akkordat it-talba n kwantu l-hrug tal-mandat ta' qbid fuq il-vettura F. 6547 , u (c) tordna lir-Chairman Awtorita ta' Malta Ghat-Trasport sabiex jaffetwa dik il-korrezzjoni necessarja u opportuna fil-log book tal-vettura tal-esponenti bin-numru ta registrazzjoni CAQ 815 gia F 6547 sabiex hekk titnehha l-kelma "Mandat" stante li l-esponenti li hija estranea ghal dawn il-proceduri u dan taht dawk id-direttivi li jidhirla xierqa u opportuni."*

Rat l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta tat-30 ta' Mejju 2014 li taqra hekk:

1. *"Illi din ir-risposta qed issir in ottemporanza mad-digriet ta' din l-Onorabbli Qorti tat-23 ta' Mejju,2014.*

2. *Illi l-Awtorita' rispondenti agixxiet skond kif ordnata minn din l-Onorabbli Qorti bil-hrug tal-mandat ta' qbid in kwistjoni meta nqabdet il-vettura de quo agitur u, kemm-il darba tali mandat jidher li nhareg fuq il-vettura tar-rikorrenti Lourdes Magro bi zball,temmen illi ghandha tissejjah il-persuna li talbet u ottjeniet il-hrug ta' tali mandat, u cioe' Miriam Debono, biex twiegeb ghal eghmilha u okkorrendo anke tigi ordnata tohrog il-kontro-mandat opportun.*

3. *Illi l-Awtorita' rispondenti assolutament m'ghandha ebda diffikulta' biex taghmel dak li gie mitlub minn Lourdes Magro fir-rikors taghha purke'li dan jigi hekk ordnat minn din l-Onorabbli Qorti u l-uniku interess li ghandha l-Awtorita' hu li dejjem u f'kull hin tkun qieghda tagixxi in ottemporanza mal-ordinijiet mahruga mill-Qorti, u xejn izjed.*

4. *Illi fuq nota finali l-Awtorita' tissottometti umilment li m'ghandha tigi akkollata b'ebda spejjez stante li m'ghamlet xejn ghajr obdiet l-ordni lilha mahrug mill-Qorti meta laqghet it-talba ghall-hrug tal-mandat ta' qbid in kwistjoni."*

Rat in-nota ta' Miriam Debono  tat-18 ta' Gunju 2014, illi permezz taghha l-istess Miriam Debono iddikjarat li:

*"m'ghandhiex oggezzjoni li l-effetti tal-mandat ta' qbid numru 5708/96 ma jestendux ghall-vettura ta' Lourdes Magro, izda l-esponenti Miriam Debono m'ghandha tbati l-ebda spejjez stante li l-ebda zball ma gie kommess minnha.  Hija qedgha tikkopera ma' Lourdes Magro biex din ma jkollihiex problemi in konnessjoni mat-tigdid tal-licenzja ghall-vettura taghha.*

*In oltre, il-mandat 'per se' m'ghandu xejn hazin.  L-izball sar fl-inkartament sussegwenti.";*

Fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014 l-intimat Carmel Debono ta ruhu b'notifikat u xhed illi ma kellux oggezzjoni sabiex il-vettura ta' Lourdes Magro u cioe' CAQ 815 li precendentement

kienet iggib in-numru ta' registrazzjoni F 6574 ' l ghaliex jaqbel perfettament ma dak dikjarat mill-istess Magro u stqarr illi l-vettura tieghu kienet filfatt **F 6507** u kienet tal-marka **Renault Clio**, tant huwa hekk **illi huwa ezebixxa ir-ritratt tal-vettura tieghu, cioe Dok. CD li jinstab anness mal-atti;**

L-avukat difensur ta' Carmel Debono sostniet illi l-intimat Carmel Debono cetament ma kellux ibati l-ispejjez ghaliex huwa kien kompletament estraneju ghall proceduri tal-Mandat meritu tar-rikors;

Rat ir-rikors tar-rikorrenti Magro ghas-sostituzzjoni fir-rikors promotorju tal-Artikolu 281 tal-Kapitolu 12 bl-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti li bih laqghet it-talba ghall-korrezzjoni mitluba;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkonsidrat:**

Illi l-**artikolu 836 (1) (f)** jipprovdi li:-

> ***"(1) Minghajr ebda pregudizzju ghal kull jedd iehor taht dan il-Kodici jew kull ligi ohra, l-intmat li jkun hareg att kawtelatorju kontrih jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun harget l-att kawtelatorju, jew inkella, jekk tkun saret kawza, jista' jaghmel rikors lill-qorti li tkun qeghda titratta dik il-kawza li fih jitlob li l-att kawtelatorju jigi revokat, sew ghal kollox sew f'parti minnu, ghal xi wahda minn dawn ir-ragunijiet li gejjin:-***
>
> ***(a) sa (e) Omissis***

> ***(f) jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu jew dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli".***

Qabel ma tezamina, il-kawzali fuq indikati, din il-Qorti sejra isemmi uhud mill-principji elementari illi fuqhom jissejsu kawzi dwar Revoka ta' Mandati Kawtelatorji.

Il-Qrati enuncjaw principji mportanti fir-rigward ta' kawzi dwar revoka ta'Mandati Kawtelatorji **fejn l-ezami li hija mistennija illi taghmel il-Qorti huwa wiehed *prima facie***. Illi fil-kawza fl-ismijiet **"Castelli Av. Carmelo noe vs Focal Maritime Services Ltd et"** tas-**26 t`April 2002** per **Onor Imhallef Dr. G. Camilleri** intqal hekk:-

> *"Skond l-**artikolu 836 (d) u (f) tal-Kap 12** jista' jigi revokat jekk jintwera li l-ammont mitlub ma jkunx 'prima facie' gustifikat jew ikun eccessiv jew jekk jintwera li fic-cirkostanzi ma jkunx ragonevoli li jinzamm fis-sehh l-att kawtelatorju jew parti minnu mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli. L-ezami li trid taghmel il-Qorti f`dan il-kuntest huwa wiehed 'prima facie'."*

Illi fid-digriet fl-ismijiet**"Joseph Camilleri et vs Anthony Gove' et"** tal-**10 ta' Mejju 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** , u **"Josephine Sammut vs Emanuel Sammut et" tad-29 ta' Novembru 2001** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad ukoll

> *"li mid-dispozizzjoni tal-istess **Artikolu 836** jidher li l-unika ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak biss ta' 'prima facie', u dan ghaliex il-mertu kollu jigi nvestigat fil-kawza propja bejn il-partijiet, u ghalhekk hemm limitazzjoni sinifikanti fl-ezami li trid taghmel l-Qorti f'dan l-istadju, u dan tenut kont li*

*hawn 'si tratta' dejjem ta' procedura preliminari, li ghad qed tistenna l-ezitu finali tal-kawza proprja."*

Hekk ukoll fid-decizjoni fl-ismijiet **"Tanya Chetcuti proprio et nomine vs Hugo Chetcuti"** tas- **27 ta' Gunju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace** inghad:-

***"Illi fil-fatt jista' jinghad li dak li trid taghmel il-Qorti f'din il-procedura huwa biss sabiex tezamina 'prima facie' jekk min hareg il-mandat kellux pretensjoni legali ghall-istess, u dan indipendentement jekk tali pretensjoni hijiex fondata jew le, peress li dan l-ahhar ezami jifforma l-mertu tal-kawza, li din il-Qorti bil-procedura premessa, ovvjament ghandha thalli fil-gudizzju taghha, jew ta' Qorti ohra, ghall-ezitu tal-kawza. ("P.J. Sutters Company Limited vs Concept Limited" – P.A. (RCP). 10 ta' Mejju 2001; "Visa Investments Ltd vs Blye Engineering Co. Ltd" P.A. (RCP) 7 ta' Frar 2001)".***

Vide ukoll **("Yorkie Clothing Industry Ltd" u "Calleja Cremona Dr. Lilian**" –tat-**30 ta ` Mejju 2002** per **Onor Imhallef Dr. R. C. Pace**) kif ukoll "**John Zarb vs Port Cottonera Ltd**" tas-**16 ta` Settembru 2002** per **Onor Imhallef Dr. T. Mallia**).

Illi din il-Qorti taghraf illi certament illi l-karozza tar-rikorrenti Lourdes Magro tal-marka Vauxhall Nova saloon bin-numru CAQ 815 precedentement F 6547 qatt ma messha giet inkluza fil-Mandat Kawtelatorju ta' Qbid numru 5708/96 CX fl-ismijiet Miriam Debono vs Carmel Debono, dan 'l ghaliex kif jirrizulta mill-affidavit taghha a fol. 15, u kif jirrizulta mill-kopja tal-*log book* a fol. 3 tal-process, din il-vettura kienet **ilha tappartieni lir-rikorrenti Magro, sa mill-25 ta' Marzu 1996**. Dan gie konfermat minn Stephen Cachia, rapprezentant ta' Transport Malta li ezebixxa Dok. CS.

Illi permezz ta' nota taghha Miriam Debono a fol. 19 iddikjarat li l-efetti tal-mandat ta' Qbid 5708/96 **ma jestendux ghal- vettura ta' Lourdes Magro.**

Illi dan gie pjenament konfermat mix-xhieda ta' Carmel Debono, fis-seduta tal-14 ta' Lulju 2014, li sahhansitra **ezebixxa ritratt tal-karozza tieghu Renault Clio** numru ta' registrazzjoni **F 6507**.

Illi ghaldaqstant jirrizulta ipprovat ferm oltre l-livell probatorju rikjest f'dawn il-proceduri u cioe' dik ta' prima facie, illi l-mandat 5708/96CX fil-konfront tal-karozza Vauxhall Nova saloon numru ta' registrazzjoni CAQ 815 precedentement F 6547, **m'huwiex gustifikat**, u ghandu jigi revokat fil-konfront ta' din il-karozza.

Dak illi jibqa' biex jigi ezaminat minn din il-Qorti hija l-kwistjoni tal-ispejjez.

Illi fic-cirkostanzi fuq indakati huwa car illi Lourdes Magro, illi giet ko-involta intortament fil-proceduri bejn il-konjugi Debono, m'ghandhiex tbaghti l-ispejjez. Carmel Debono ikkontenda li gialadarba huwa kien il-persuna kontra min inhareg il-Mandat ta' Qbid u mhux min intavolah m'ghandux ibati l-ispejjez. Minn naha l-ohra l-Awtorita' ghat-Trasport Malta ikkontendiet illi hija ma ghamlet xejn ghajr li obdiet ordni tal-Qorti kif postulata fil-mandat li kopja tieghu tinsab minn fol. 4 sa 6. Miriam Debono ikkontendiet fin-nota taghha li ma kellhiex tbati l-ispejjez 'l ghaliex:

> ***"il-Mandat 'per se m'ghandu xejn hazin. L-izball sar fl-inkartament susssegwenti."***- vide fol. 19.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti taghraf li l-izball sar mill-persuna li hareg il-Mandat ta' Qbid de quo u cioe' minn Miriam Debono illi indikat fil-mandat innifsu li l-karozza li kellha tkun soggetta ghal qbid kienet dik li ggib in-numru ta' registrazzjoni F 6547- vide fol. 5 tal-atti processwali.

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet ta' Lourdes Magro kif koretti, tirrevoka il-mandat ta' qbid ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-vettura, Vauxhall Nova saloon F6547 illum CAQ 815, u tordna lill-Awtorita' ghat-Trasport f' Malta jaffetwa il-

korrezzjonijiet necessarji u opportuni fil-log book tal-imsemmija vettura Vauxhall Nova saloon F6547 illum CAQ 815, sabiex titnehha il-kelma “Mandat” minn fuq l-istess.

Bl-ispejjez kontra Miriam Debono.

Il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza tintbaghat lill-Awtorita’ghat-Trasport f’Malta.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------